MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1459/2001/1

**Avviz Numru 1459/01 AJD**
**Papyrus Reprographic Services Limited**

**vs**

**Silvio Vassallo f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta H. Vassallo & Sons u b'dgriet tal-25 ta' Frar 2002 giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Jewellery Kingdom Co. Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disa liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm909.29) rapprezentanti bilanc ta' servizzi ta' disinn u reklamar prestat lill-konvenut pro et nomine bejn l-20 ta' Jannar 2001 u t-18 ta' Ottubru 2001, kif indikat u elenkat fl-'istatement' datat 1 ta' Novembru 2001.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi preliminarjament il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur;
2. Illi l-azzjoni hija ntempestiva;
3. Illi l-izball li sar fis-servizzji prestati mis-socjeta' attrici huwa unikament u esklussivament imputabbli ghas-socjeta' attrici nnifisha, u dan l-izball wassal lill-konvenut sabiex ihallas spejjes ohra u sabiex tigi danneggjata l-'goodwill' ta' xogholu u r-reputazzjoni tieghu;
4. Illi l-ammont rikjest in ogni caso huwa eccessiv, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;
5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut jeccepixxi l-kumpensazzjoni;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn huwa talab li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallsu s-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850.00) fejn huwa indika li dan l-ammmont huwa dovut lilu ghall-istess ragunijiet indikati fir-risposta tieghu bhala eccezzjonijiet.

Ra d-digriet tal-25 ta' Frar 2002 fejn giet ordnata l-kjamata in kaawza tas-socjeta' Jewwellery Kingdom Co. Limited

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn gie eccepiet li s-socjeta' attrici ma kienetx responsabbli ghal ebda danni lill-konvenuti u dan skond ix-xhieda ta' Silvio Vassallo tal-5 ta' Frar 2002.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' kjamata in kawza fejn hija eccepiet is-segwenti:-
1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija ntempestiva;
2. Illi l-izball li sar fis-servizzji prestati mis-socjeta' attrici huma esklussivament imputabbli lis-socjeta' attrici nnifisha. B'dan l-izball is-socjeta' konvenuta nefqet spejjes ulterjuri u sofriet danni wkoll tal-'goodwill u reputazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonat.
3. Illi l-ammont huwa eccessiv kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetta’ konvenuta teccepixxi l-kumpensazzzjoni.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-kontro-talba tas-socjeta’ kjamata in kawza fejn hija talbet li s-socjeta’ attrici tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850.00) rapprezentanti danni kagunati bhala konsegwenza ta’ zball fis-servizzji prestati mis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata, liema zball huwa unikament u esklussivament imputabbli lilha u liema zball wassal ghall-infiq ta’ spejjes ulterjuri da parti tas-socjeta’ kjamata in kawza u kkaguna hsara ghall-‘goodwill’ u reputazzjoni tal-istess socjeta’ kjamata iin kawza.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut, ta’ Dr.. Edward Woods, ta’ Ruth Grixti, ta’ Noel Calleja, u ta’ Kenneth Micallef. Ha konjizzjooni tac-cirkostanzi kollha tall-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-parrtijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-azzjoni attrici tirrigwarda prezz ta’ servizzi ta’ disinn u reklamar provduti minnha lill-konvenut . Mill-provi rrizulta ampjament li ll-konvenut kien jopera n-negozju tad-ditta H. Vassallo & Sons permezz tas-socjeta’ Jewellery Kingdom Co. Ltd u li s-servizzji rezi mis-socjeta’ attrici saru ghal din is-socjeta’ li fil-fatt giet kjamata in kawza permezz ta’ digriet tal-25 ta’ Frar 2002. Jidher ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tintlaqa’ stante li l-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur. Isegwi wkoll li t-tallba rikonvenzjonali tal-konvenut ghandha tigi michuda stante li d-danni allegatament sofferti ma setghux gew sofferti minnu izda semmai mis-socjeta’ kjamata in kawza.

Mid-dokumenti esebiti a fol. 42 et. seq. jirrizulta li s-socjeta’ attrici rrendiet servizzji ta’ reklamar in konnessjoni ma’ diversi riklami, kif ukoll in konnessjoni mad-disinn u

reklamar ta’ ikona kommemorattiva taz-zjara tal-Qdusija Tieghu il-Papa f’Malta,, f’Mejju 2001. M’huwiex kontestat mill-partijiet li sar zball in kwantu jirrigwarda l-fatt li d-data li giet indikata fuq l-ikona. Is-socjeta’ attrici ssostni li d-data inghatat lilha mis-socjeta’ kjamata in kawza u li fi kwalunkwe kaz hija kienet responsabbli biss ghad-disinn tal-ikona u ghar-reklamar filwaqt li s-socjeta’ kjamat in kawza tirritjeni li l-izball sar mis-socjeta’ attrici u inoltre li bhal konsegwenza ta’ dan l-izball hija nkorriet danni ammontanti ghas-somma ta’ Lm850.00 u ghalhekk hemm lok ghal kumpensazzjoni.

Illi mill-provi ma rrizultax car min effettivamentt indika d-data tal-11 ta’ Meju 2001 li giet riprodotta fuq l-ikona in kwistjoni. Mill-provi izda rrizulta li s-socjeta’ kjamata in kawza kienet approvat il-kontenut ta’ din l-ikona permezz ta’ fax mibghut lis-socjeta’ attrici u debitament iffirmat mid-direttur tas-socjeta’ kjamata in kawza, u cioe’ Silvio Vassallo. Fil-fehma tat-Tribunal l-inkarigu moghti mis-socjeta’ kjamata in kawza lis-socjeta’ attrici kien jirrigwarda biss id-disinn u r-reklamar tal-ikona in kwistjoni u certament ma jistghax jinghad li l-istess socjeta’ attrici kienet b’xi mod obbligata ticcertifika l-kontenut tal-istess ikona. Dan jirrizulta mill-fatt li kif diga ntqal aktar il-fuq, is-socjeta’ kjamata in kawza approvat il-kontenut finali tal-ikona, kif ukoll mill-fatt l Silvio Vassallo stess jghid li s-socjeta’’ attrici kienet issugeriet li jitpogga l-George Cross fuq l-ikona izda huwa kien talab il-parir tal-avukat tieghu u dan tal-ahar kien infurmah li l-Georgw Cross ma setghax jigi riprodott. Fil-fatt l-ikona giet prodotta minghajr il-George Cross. Inoltre jrid jigi rilevat li Silvio Vassallo fix-xhieda tieghu tat-8 ta’ Mejju 2002 jghid li “....r-ritratt tal-ikona, s-socjeta’ attrici gabitu minghand id-Dipartiment tal-Informazzjoni, huwa ritratt mehud minn fotografu tal-istess Dipartimeent tal-Informazzjoni. Kien ghal din ir-raguni li jien ma vverifikajtx id-data.” Dan ifisser li s-socjeta’ kjamata in kawza kienet konxja mill-fatt li kien l-obbligu taghha li tivverifika l-kontenut tal-ikona,, bhal ma fil-fatt ghamlet in kwantu jirrigwarda l-George Cross. L-oneru li tivverifika li d-data ndikata fuq l-ikona kienet korretta wkoll kien tas-socjeta’ kjamata in kawza. Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, is-socjeta’ attrici ma tistghax tigi ritenuta

responsabbli ghall-izball li effettivament sar u ghad-danni sofferti mis-socjeta' kjamata in kawza bhala konsegwenza ta' dan l-izball.

Illi s-socjeta' kjamata in kawza issollevat ukoll l-eccezzjoni ta' ntempestivita' u dan perss li l-kawza odjerna giet intavolata waqt li kienet qed tigi skambjata korrispondenza bejn l-avukati difensuri tal-partijiet rigwardanti l-kwistjoni. It-Tribunal jidhirlu li din ll-eccezzjoni hija nfondata u dan peress li fl-ittra tat-2 ta' Novembru 2001( a fol. 24) Dr. Malcolm Mifsud ghas-socjeta' attrici nforma lill-avukat difensur tas-socjeta' kjamata in kawza li l-klijenti tieghu ma kienux disposti li jistennew sakemm jinbieghu l-ikoni qabel ma jjithallsu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-konvenut Silvio Vassallo mill-osservanza tal-gudizzju, billi jichad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Silvio Vassallo, billi jichad it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' kjamata in kawza u billi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfronti tas-socjeta' kjamata in kawza u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta' kjamata in kawza thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disa liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm909.29).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati ntermentt mis-socjeta' kjamata in kawza, salv ghall-ispejjes rigwardanti l-konvenut Silvio Vassallo li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------